# 2020 RAPPORT ANNWALI

## NIŻGURAW ID-DRITTIJIET TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA F'DINJA LI QED TINBIDEL

## TAQSIRA EŻEKUTTIVA



European Data Protection Board

# NIŻGURAW ID-DRITTIJIET TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA F'DINJA LI QED TINBIDEL

Tista' ssib aktar dettalji dwar l-EDPB fis-sit web tagħna edpb.europa.eu.





Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB, European Data Protection Board) huwa korp Ewropew indipendenti li nħoloq bir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR, General Data Protection Regulation), bil-għan li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-protezzjoni tad-*data* madwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Dan l-għan jilħqu permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji (AS) u l-ħruġ ta' gwida ġenerali madwar iż-ŻEE fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-*data*.

L-EDPB jinkludi l-Kapijiet tas-AS tal-UE u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS, European Data Protection Supervisor). Il-Kummissjoni Ewropea u - fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-GDPR - l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles - għandhom id-dritt li jipparteċipaw fl-attivitajiet u fil-laqgħat tal-EDPB mingħajr id-dritt tal-vot. L-AS tal-pajjiżi ŻEE (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) ukoll huma membri tal-EDPB, għalkemm ma għandhomx id-dritt li jivvotaw. L-EDPB jinsab fi Brussell.

L-EDPB għandu Segretarjat, li huwa pprovdut mill-EDPS. Memorandum ta' Spjegazzjoni jiddetermina t-termini tal-kooperazzjoni bejn l-EDPB u l-EDPS.

## 1. IL-PUNTI EWLENIN TAL-2020

### 1.1. Il-kontribut tal-EDPB għall-evalwazzjoni tal-GDPR

Fi Frar 2020, l-EDPB u l-Awtoritajiet Superviżorji (AS) ikkontribwew għall-evalwazzjoni u r-rieżami tal-GDPR min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, kif inhu stipulat fl-Artikolu 97 GDPR.

L-EDPB jikkunsidra li l-GDPR saħħaħ il-protezzjoni tad-*data* bħala dritt fundamentali u armonizza l-interpretazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*. Issaħħew id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u dan wassal sabiex iċ-ċittadini jsiru aktar konxji kif jeżerċitaw id-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* tagħhom. Il-GDPR jikkontribwixxi wkoll għal aktar viżibbiltà globali tal-qafas legali tal-UE u qiegħed jitqies ta' eżempju barra mill-UE. F'dan ir-rapport, l-EDPB jistqarr li jemmen li

l-applikazzjoni tad-GDPR irnexxiet, iżda għaraf li għad fadal għadd ta' sfidi. Pereżempju, għad hemm tħassib dwar ir-riżorsi insuffiċjenti tal-AS, kif ukoll dwar inkonsistenzi fi proċeduri nazzjonali li jkollhom impatt fuq il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-AS.

Minkejja l-isfidi, l-EDPB huwa konvint li l-kooperazzjoni li tinsab għaddejja bejn l-AS se tiffaċilita kultura ta' protezzjoni tad-*data* u tistabbilixxi prattiċi konsistenti.

Barra minn hekk, l-EDPB jemmen li għadu kmieni wisq biex issir reviżjoni tal-GDPR.

### 1.2. Kwistjonijiet marbuta mar-risponsi għall-COVID-19

Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri tal-UE bdew jieħdu miżuri biex jimmonitorjaw, irażżnu u jimmitigaw it-tixrid tal-virus. Bosta minn dawn il-miżuri involvew l-ipproċessar tad-*data* personali, bħal applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti, l-użu ta' *data* ta' lokalizzazzjoni jew l-ipproċessar ta' *data* dwar is-saħħa għall-finijiet tar-riċerka. Għalhekk, l-EDPB ipprovdiet gwida dwar kif tiġi proċessata d-*data* personali fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. Matul dan il-perjodu, l-EDPB wieġeb ukoll l-ittri mingħand il-Membri tal-Parlament Ewropew li kienu qed jitolbu għal aktar kjarifiki fuq kwistjonijiet relatati mal-COVID-19.

### 1.3. Flussi internazzjonali ta' *data* personali wara s-sentenza *Schrems II*

Fis-16 ta' Lulju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE) qatgħet is-sentenza tagħha fil- Kawża C-311/18 (*Schrems II*). Il-QĠUE eżaminat żewġ mekkaniżmi li jippermettu t-trasferimenti ta' data personal mingħand pajjiżi ŻEE lil pajjiżi mhux ŻEE (pajjiżi terzi), jiġifieri t-Tarka tal-Privatezza UE-Stati Uniti u l-Klawsoli Kuntrattwali Standard (KKS). Il-QĠUE invalidat id-deċiżjoni ta' adegwatezza li tinsab fil-bażi tal-EU-US Privacy Shield, u għaldaqstant invalidatha bħala mekkaniżmu ta' trasferiment. Iddeċidiet ukoll li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/87 dwar KKS għat-trasferiment ta' *data* personali lil proċessuri ta' pajjiżi terzi hija valida, u għalhekk il-KKS għadhom jistgħu jintużaw biex isiru trasferimenti internazzjonali ta' *data*. Dan dment li, qabel it-trasferiment l-esportatur, (jekk meħtieġ, bl-għajnuna tal-importatur), jivvaluta l-livell tal-protezzjoni mogħtija fil-kuntest ta' tali trasferimenti, b'kunsiderazzjoni kemm tal-KKS kif ukoll tal-aspetti rilevanti tas-sistema ġuridika fil-pajjiż tal-importatur, fir-rigward ta' kwalunkwe aċċess għad-*data* mill-awtoritajiet pubbliċi ta' dak il-pajjiż terz. Il-fatturi li għandhom jitqiesu f'din il-valutazzjoni huma dawk stipulati, f'manjiera mhux eżawrjenti, fl-Artikolu 45(2) tal-GDPR.

Is-sentenza għandha implikazzjonijiet wiesa' għal entitajiet ibbażati fiż-ŻEE li jużaw dawn il-mekkaniżmi biex ikunu jistgħu jsiru trasferimenti ta' *data* lejn l-Istati Uniti u pajjiżi terzi oħra. Għaldaqstant, l-EDPB ħareġ bosta dokumenti ta' gwida, inkluż lista ta' FAQs u xi Rakkomandazzjonijiet dwar is-sentenza u l-implimentazzjoni tagħha.

### 1.4. L-ewwel deċiżjoni vinkolanti tal-Art. 65 GDPR

Fid-9 ta' Novembru 2020, l-EDPB adotta l-ewwel deċiżjoni għas-soluzzjoni tat-tilwim abbażi tal-Art. 65 GDPR. Id-deċiżjoni vinkolanti ndirizzat it-tilwima li nqalgħet dwara li l-AS tal-Irlanda, bħala AS ewlenija, ħarġet abbozz ta' deċiżjoni dwar Twitter International Company u l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati sussegwenti li ġew espressi minn għadd żgħir ta' AS Ikkonċernati.



EDPB Taqsira eżekuttiva 2020

## 2. IL-BORD EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-*DATA* - ATTIVITAJIET FL-2020

Fl-2020, l-EDPB adotta 10 Linji Gwida dwar suġġetti bħall-kunċetti ta' kontrollur u proċessur, u li jiffokaw fuq l-utenti tal-media soċjali, u tliet Linji Gwida oħra li ġew adottati wara li saret konsultazzjoni pubblika. L-EDPB ħareġ ukoll żewġ Rakkomandazzjonijiet.

L-EDPB issorvelja proċeduri li jirrigwardaw l-attivitajiet ta' konsistenza li jiċċaraw il-proċess u li għandhom l-għan li jiżguraw l-effiċjenza għall-AS. Fl-2020, l-EDPB ħarġet 32 Opinjoni skont-Art. 64 GDPR. Bosta minn dawn l-Opinjonijiet ikkonċernaw abbozz ta' rekwiżiti ta' akkreditazzjoni għal korp ta' monitoraġġ tal-kodiċi ta' kondotta jew korp ta' ċertifikazzjoni, kif ukoll Regoli Korporattivi Vinkolanti (Controller Binding Corporate Rules, BCRs) għal diversi kumpaniji.

## 3. ATTIVITAJIET TAL-AWTORITÀ SUPERVIŻORJA FL-2020

L-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali (AS) huma awtoritajiet pubbliċi indipendenti li jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-liġi tal-protezzjoni tad-*data*. L-AS għandhom rwol ewlieni fil-ħarsien tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* tal-individwi. Dan jistgħu jagħmluh permezz tal-eżerċitar ta' setgħat korrettivi.

Is-sit web tal-EDPB jinkludi għadd ta' azzjonijiet superviżorji tal-SA li jirrigwardaw l-infurzar tal-GDPR fil-livell nazzjonali.



L-EDPB ppubblika reġistru ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-AS nazzjonali b'konformità mal-proċedura ta' kooperazzjoni ta' Punt Uniku ta' Servizz (l-Artikolu 60 GDPR) fuq dan is-sit web.

### 3.1. Il-kooperazzjoni transfruntiera

Il-GDPR jirrikjedi lill-AS taż-ŻEE li jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* madwar iż-ŻEE. Wieħed mill-kompiti tagħhom huwa li jikkoordinaw it-teħid tad-deċiżjonijiet f'każijiet ta' pproċessar ta' *data* transfruntier.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2020 kien hemm 628 każ transfruntier li 461 minnhom oriġinaw minn ilment, filwaqt li 167 ilment orġinaw minn, pereżempju, obbligi ġuridiċi u/jew rapporti tal-media.

Il-mekkaniżmu ta' Punt Uniku ta' Servizz jitlob li jkun hemm kooperazzjoni bejn l-Awtorità Superviżorja Ewlenija (Lead Supervisory Authority, LSAs) u l-Awtoritajiet Superviżorji KKonċernati (Concerned Supervisory Authorities, CSAs). L-LSA tmexxi l-investigazzjoni u jkollha rwol ewlieni fil-proċess biex jintlaħaq kunsens bejn is-CSAs, minbarra li taħdem biex tittieħed deċiżjoni koordinata dwar il-kontrollur jew il-proċessur tad-*data*. Bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020, saru 203 abozz ta' deċiżjoni, li minnhom irriżultaw 93 deċiżjoni finali li jinsabu ppubblikati f'reġistru pubbliku.

Il-proċedura ta' assistenza reċiproka tippermetti lill-AS jitolbu informazzjoni mingħand AS oħra jew li jitolbu għal miżuri oħra ta' kooperazzjoni effettiva, bħal għoti ta' awtorizzazzjonijiet jew investigazzjonijiet preliminari. Bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020, l-AS bdew 246 proċedura ta' assistenza reċiproka formali. Bdew 2,258 tali proċedura b'mod informali. L-assistenza reċiproka tintuża wkoll mill-AS billi AS waħda titlob lil AS Kompetenti titratta ilmenti li tkun irċeviet li ma jkunux jikkonċernaw proċessar transfruntier kif definit fil-GDPR.

## 4. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TRASPARENZA

Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-EDPB wieġeb ittri mingħand Membri tal-Parlament Ewropew meta dawn talbu għal aktar kjarifiki dwar kwistjonijiet relatati mal-COVID-19. L-EDPB organizza avveniment għall-partijiet ikkonċernati dwar il-kunċett ta' interess leġittimu biex tiġbor il-kontribut u l-fehmiet tagħhom dwar kwistjoni speċifika fl-interess li tiġi żviluppata gwida għall-futur.

Fis-segwitu tal-adozzjoni preliminari tal-Linji Gwida, l-EDPB organizza konsultazzjonijiet pubbliċi li taw l-opportunità lill-partijiet ikkoċernati u liċ-ċittadini jagħtu aktar kontribut, li mbagħad jiġi kkunsidrat fil-proċess ta' abbozzar sussegwenti. Fl-2020, l-EDPB nieda u kkonkluda seba' konsultazzjonijiet bħal dawn.

Għat-tielet sena konsekuttiva, l-EDPB għamel stħarriġ fl-ambitu tar-rieżami annwali tal-attivitajiet tal-EDPB skont l-Artikolu 71(2) GDPR. Il-mistoqsijiet kienu mmirati fuq il-ħidma u x-xogħol tal-EDPB fl-2020, b'enfasi fuq il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet tiegħu, bil-għan li tinkiseb stampa ċara dwar il-ħsieb tal-partijiet ikkonċernati dwar l-utilità tal-gwida tal-EDPB fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-GDPR, u biex jiġu identifikati modi kif l-individwi u l-organiżżazzjonijiet jiġu megħjuna aħjar fl-approċċ tagħhom għall-protezzjoni tad-*data* fil-futur.

## 5. L-ISTRATEĠIJA U L-OBJETTIVI GĦALL-2021

L-EDPB ddefinixxa l-Istrateġija għall-2021-2023, li tkopri l-erba' pilastri ewlenin tal-objettivi strateġiċi tiegħu, flimkien ma' sett ta' tliet azzjonijiet ewlenin għal kull pilastru bil-għan li dawn l-għanijiet jinkisbu. Kmieni fl-2021, l-EDPB adotta l-programm ta' ħidma tiegħu ta' kull sentejn għall-2021-2022, skont l-Artikolu 29 tar-Regoli ta' Proċedura ta' EDPB. Il-programm ta' ħidma jsegwi l-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija tal-EDPB 2021-2023 u se jwettaq l-objettivi strateġiċi tal-EDPB.

# Dettalji ta' kuntatt


## Indirizz tal-posta

Rue Wiertz 60, B-1047 Brussels

## Indirizz tal-uffiċċju

Rue Montoyer 30, B-1000 Brussels


European Data Protection Board